MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Numru. 1326/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Frankie Sammut**

**vs**

**Carmel Rapinett**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Carmel Rapinett ta’ 61 sena bin Joseph u Dolores xebba Mirasole imwieled fl-20 ta’ Settembru 1950 u residenti 16, Flt 1, Triq Sofija, Bormla u detentur tal-karta tal-identita’ numru 785350(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fil-31 ta’ Ottubru 2011 gewwa l-ghassa ta’ Bormla b’qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew

cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu ‘l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b’hekk din il-persuna tkun tista tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta’reat.

Ddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf liema holqien ta’ reat ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 28 ta’ Novembru 2011 (esebit a fol. 9 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-3 ta’ Frar 2012 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-3 ta’ Frar 2012 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, l-fatt li ghandu fedina penali kwazi netta, l-fatt ta’ eta’ avvanzata tal-imputat kif

ukoll l-fatt li l-imputat ikkopera fil-kors tal-investigazzjoni u ammetta l-involviment tieghu mal-ewwel.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 110 (1) u (2) tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tmintax(18)-il xahar millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------